MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 548/2002/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta’ Mejju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fl-14 ta’ April 1994 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi minhabba abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi, mohqrija, ngurji gravi da parti tal-konvenut, il-hajja konjugali bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli;

Illi fil-fatt kmieni fis-sena 2001, il-konvenut, bil-mohbi ta’ l-attrici tella dejn qawwi fin-negozju li kien jiggestixxi; zamm il-flus ghalih minghajr ma hallas il-kredituri tieghu u hesrem telaq minn Malta u harab lejn l-Ingilterra;

Illi b’dan l-agir tal-konvenut, l-attrici spiccat f’sitwazzjoni prekarja finanzjarja u l-konvenut ma hu qed jghaddilha ebda forma ta’ manteniment;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet numru 396/2002 moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili (Dok. “A”);

Illi l-attrici tixtieq ukoll li l-komunjoni ta’ l-akkwisti tigi xolta u likwidata u l-beni parafernali u dotali taghha jigu lilha restitwiti;

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba t-tortijiet fuq imsemmija imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment xieraq skond il-ligi ghaliha bil-modalita` ta’ jum, hin u lok li jigu ukoll iffissati;

3. Tiddikjara li l-konvenut bhala li ddekada mid-drittijiet kontemplati fl-**artikoli 48 (1) (a), (b) u (d) tal-Kodici Civili;**

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwidaha u taqsamha f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti bl-applikazzjoni ta’ l-**artikoli 48 (1) (c) u 51 tal-Kodici Civili;**

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallasha l-valur stabbilit ta’ l-istess oggetti bin-nomina, *occorrendo* ta’ periti.

Bl-ispejjez inkluzi kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti *noe* (a fol. 12) fejn gie eccepit:-

Illi huma m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrizervaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar ‘l quddiem;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fis-27 ta’ Jannar 2003 fejn xehed Jason Giardina (a fol. 16); u tat-12 ta’ Frar 2003;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 13 ta’ Frar 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tezenta lir-rapprezentanti tal-banek u tad-dipartiment tal-VAT mis-sigriet professjonali;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Frar 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju tas-26 ta’ Frar 2003 fejn xehdu Kathleen Messina (a fol. 49) u Mary Louise Cuschieri (a fol. 89); ta’ l-24 ta’ Marzu 2003 fejn xehedu Kathleen Messina Flynn (a fol. 98), Catherine Fenech (a fol. 103) u Aldo Overend (a fol. 115); u tal-15 ta’ Mejju 2003 fejn xehdet Marthese Giardina (a fol. 159);

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tat-22 ta’ Mejju 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha fis-sentenza finali;

Rat id-digriet tat-23 ta’ Mejju 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba jekk ir-rikorrenti titlob korrezzjoni fic-citazzjoni attrici;

Rat il-verbal tad-29 ta’ Mejju 2003;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 29 ta’ Mejju 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha (a fol. 419);

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2003 fejn l-attrici inghatat zmien ta’ erbghin (40) jum sabiex tipprezenta l-ahhar affidavit taghha; u tat-8 ta’ Jannar 2004;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Frar 2004;

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fit-18 ta’ Marzu 2004;

Rat ir-rikors tal-konvenuti datat 22 ta’ Marzu 2004 fejn talbu differiment;

Rat id-digriet sussegwenti tat-24 ta’ Marzu 2004;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Marzu 2004 fejn l-attrici pprezentat nota guramentata ta’ B u xi dokumenti ohra (a fol. 484);

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fit-18 ta’ Marzu 2004;

Rat in-nota tal-konvenuti datata 14 ta’ Gunju 2004;

Rat il-verbal tal-15 ta’ Gunju 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakolta` lill-partijiet li jipprezentaw noti ta’ l-osservazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-istess konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ sevizzi, eccessi, mohqrija u ngurji gravi u jirrizulta wkoll li l-istess konvenut ikkometta adulterju fil-konfront ta’ l-istess attrici u fl-ahharnett, fis-sena 2001 abbanduna lill-attrici u harab lejn l-Ingilterra u halla dejn sostanzjali fin-negozju tieghu, kollox kif hemm indikat fl-affidavit attrici u wkoll fid-diversi dokumenti esebiti.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha, anke ghaliex jidher li iz-zwieg ta’ l-attrici kien kollu mimli ngann *da parte* tal-konvenut. Fil-fatt jirrizulta li l-istess konvenut kien jiggesitixxi *restaurant* flimkien ma’ persuna ohra certu Henry Sammut, izda matul dan il-perjodu mhux biss qatt ma kien imantni lill-attrici, izda addirittura kien ikkonvinca lill-attrici sabiex il-paga taghha tithallas f’*account* tieghu u f’ismu u minn dan l-*account* kien jaghti lill-attrici biss somom zghar biex tghix, sabiex sahansitra sfrutta x-xoghol ta’ l-attrici b’dan il-mod.

Illi jirrizulta pero’ li dan ma kienx bizzejjed peress li wara li dan in-negozju tal-konvenut ma’ Sammut falla, l-konvenut ha l-istess negozju f’idejh u fil-fatt ha self mill-bank fl-ammont ta’ sittax-il elf u hames mitt lira Maltija (Lm16,500), garantit bid-dar parafernali ta’ l-attrici li dak iz-zmien kienet 166, Parish Priest Carlo’ Manche’ Street, Gzira; izda wara ftit taz-zmien beda` jmexxi l-istess hanut wahdu bla ma jaghti sodisfazzjoni lill-attrici li lanqas biss halliha tghinu fl-istess *restaurant*. Illum, il-gurnata, wara li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali, u harab minn Malta jirrizulta li minghajr ma kienet taf l-attrici u allura bil-mohbi taghha l-istess konvenut akkumola diversi dejn li kollha jinsabu elenkati fid-dokument immarkat bhala Dok. “DA 2” a fol. 448 tal-process fejn jirrizulta li fost ohrajn hemm dejn ta’ tmintax-il elf, erba’ miaj u hamsa u erghin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm18,445.58) mal-banek lokali, HSBC Bank plc, Bank of Valletta plc u Lombard Bank Malta plc, (principarjament ma’ dan l-ahhar

imsemmi bank) u s-somma ulterjuri ta’ tlettax-il elf, tliet mija u tlieta u tletin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm13,333.21) ma’ diversi kredituri ohra ta’ l-istess negozju. B’kollox ghalhekk jirrizulta li l-komunjoni ta’ l-akkwisti giet moghbbija b’dan id-dejn kollu mill-konvenut fil-gestjoni rresponsabbli tan-negozju tieghu, ammontanti ghas-somma ta’ wiehed u tletin elf, seba’ mija u tmienja u sebghin lira Maltija u disa’ u sebghin centezmu (Lm31,778.79), kif indikat fl-istess Dokument “DA 2” a fol. 448 tal-process. Jirrizulta wkoll li missier l-attrici B hallas l-ammont ta’ sitt elef, disa’ mija u tlieta u hamsin lira Maltija u tliet centezmi (Lm6,953.03) (kollox kif indikat fin-nota guramentata ta’ l-istess B datata 23 ta’Marzu 2004 a fol. 489 tal-process) lil diversi kredituri tal-konvenut, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan illum ghandu kreditu kontra l-istess komunjoni.

Illi dwar dan l-agir illegali u abusiv tal-konvenut hemm ix-xhieda ta’ l-attrici u wkoll dik ta’ Jason Giardina, Marthese Giardina, Kathleen Messina Flynn ghan-nom tas-socjeta’ Lombard Bank Malta plc u dokumenti minnha esebiti. Ma hemm l-ebda dubju li f’dan il-kuntest l-allegazzjonijiet attrici gew lkoll ippruvati, nkluz il-mod kif l-istess konventu ittratta lill-attrici bhala komplament suggetta ghar-rieda tieghu, u wkoll fejn l-konvenut sfrutta lill-attrici f’kollox u ipprofitta ruhhu minnha. Dan ma kienx bizzejjed, *stante* li l-istess konvenut irrenda wkoll ruhu hati *verso* l-attrici ta’ adulterju, u fl-ahharnett abbanduna lill-attrici u halla warajh dan id-dejn kollu, u dan meta l-provi juru li huwa kellu negozju li kellu *turn over* sostanzjali, izda jidher li l-konvenut haseb biss ghalih u ghalih innifsu u meta ra li ser jinzel, abbanduna lill-attrici.

Illi dwar it-tieni talba attrici l-istess konvenut ghandu obbligu ta’ manteniment, liema ammont ma jistax jigi likwidat *stante* li ma hemm ebda prova ta’ l-introjtu tal-konvenut.

Illi it-tielet talba ghandha tigi milqugha u ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet kollha ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16 ta’ Malta.**

Illi din il-Qorti tilqa’ ir-raba’ talba u tiddikjara li l-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandha tigi xolta b’effett minn Frar 2001, u tiddikjara li ma hemm l-ebda assi fl-istess komunjoni u ghalhekk ma’ hemm xejn x’jigi assenjat u diviz. Tiddikjara pero` li l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti hemm dejn ammontanti ghal wiehed u tletin elf, seba’ mija u tmienja u sebghin lira Maltija u disa’ u sebghin centezmu (Lm31, 778.79) dovut lill diversi kredituri tal-konvenut, liema dejn sar bil-mohbi ta’ l-attrici u ghalhekk l-istess dejn qed jigi assenjat u din il-Qorti tiddikjara li ghandu jigi mhallas interament mill-konvenut. Apparti dan jirrizulta wkoll li l-istess konvenut ghandu jigi tenut ihallas l-ammont ta’ sitt elef, disa’ mija u tlieta u hamsin lira Maltija u tliet centezmi (Lm6,953.03) lil B skond id-dokument datat 23 ta’ Marzu 2004 a fol. 489 tal-process.

Illi din il-Qorti tichad il-hames talba *stante* li ma hemm ebda prova f’dan ir-rigward.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad il-hames talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn premess u deciz,** b’dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba t-tortijiet fuq imsemmija imputabbli unikament lill-konvenut u dan minhabba li l-istess konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ sevizzi, eccessi, mohqrija, u ngurji gravi, abbandun u adulterju, b’dan li rrenda l-hajja konjugali mpossibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbiliment.

2. Tiddikjara li l-istess attrici ghandha dritt tigi mantnuta mill-konvenut, pero` l-ebda ammont ta’ manteniment ma’ jista’ jigi likwidat b’din id-decizjoni *stante* li ma ingabet l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut.

3. Tilqa’ din it-talba u tiddikjara li l-konvenut bhala li ddekada mid-drittijiet kollha kontemplati fl-**artikoli 48 tal-Kap 16.**

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b’effett minn Frar 2001 u tiddikjara li m’ hemm l-ebda assi fl-istess komunjoni u ghalhekk m’ hemm xejn x’jigi assenjat u diviz. Tiddikjara pero` li fl-istess komunjoni ta’ l-akkwisti hemm dejn ammontanti ghall-wiehed u tletin elf lira Maltija, seba’ mija u tmienja u sebghin lira Maltija u disa’ u sebghin centezmu (Lm31, 778.79) dovuti lil diversi kredituri tal-konvenut kif indikat fid-Dok. “DA 2” a fol. 448 tal-process, u din il-Qorti tordna li l-istess dejn jigi assenjat, u din il-Qorti tiddikjara li ghandu, jigi mhallas interament mill-konvenut anke b’applikazzjoni ta’ l-**artikoli 48 (1) (c) u 51 tal-Kodici Civili;** apparti dan jirrizulta wkoll li l-istess konvenut qed jigi tenut ihallas l-ammont ulterjuri ta’ sitt elef, disa’ mija u tlieta u hamsin lira Maltija u tliet centezmi (Lm6,953.03) lil B skond id-dokument datat 23 ta’ Marzu 2004 a fol. 489 tal-process.

5. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta’ provi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jthallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------